**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 17 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 406/01 AJD*

Roosendaal Trading Limited

vs

Noel Buhagiar

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm228.84), rappresentanti bilanc fuq il-valur ta' oggetti ta' ikel u xorb mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenut gewwa n-negozju minnu gestit f'Discount Store, Manuel Dimech Street, Sliema, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu, 2000, u interessi legali mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv, kontra l- konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Ramona Frendo, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm228.84) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu, 20000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR